Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**14549/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0453 (COD)**

**CODEC 1641**
**ENV 1108**
**COMPET 1067**
**MI 825**
**ENT 238**
**IND 457**
**FOOD 96**
**SAN 673**
**RECH 467**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Marzu 2024[2].

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Jannar 2024[3].

---

1 16961/23 + ADD 1-2.
2 ĠU C, C/2024/3381, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3381/oj.
3 Link għall-opinjoni tal-EDPS.

4. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[4]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 24/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 14187/25.